# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 555/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Grixti**

Seduta tas-6 ta' April, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-appellant, Alfred Grixti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 123268M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti ghax-xhur ta' Marzu, April, Mejju u Gunju 2016, f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Maria Grixti, is-somma ta' €200, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2016 li sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Grixti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza sudetta u tilliberah minn kull piena w imputazzjoni skond il-Ligi jew, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax fis-sens hawn mitlub, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant wara li talab li dan ikun deciz qabel l-aggravji l-ohra b'mod allura li f'kaz li jkun akkolt, l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati. F'dan l-ewwel aggravju l-appellant jargumenta illi huwa kellu jkun liberat mill-ewwel Qorti wara li ressaq l-argument illi kopja ta' digriet tal-Qorti esebita u awtentikata bhala vera kopja mill-avukat tal-parte civile ma kienitx tikkostitwixxi prova skond il-ligi meta din kellha tkun awtentikata mir-Registratur tal-Qrati ghal validita' taghha. Fis-sottomissjonijiet tieghu, izda, u fis-sottomissjoni tieghu ghaliex din il-Qorti ghandha l-ewwel tiddisponi minn dan l-aggravju qabel l-ohrajn, huwa tratta dwar incident fejn kien qajjem din il-kwistjoni bhala eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti u kien qed jistenna sentenza in rigward tant li ma offriex id-deposizzjoni tieghu. Minkejja dan, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza fil-mertu;

2. L-ewwel aggravju u l-lanjanza appena konvenuta huma zewg kwistjonijiet differenti. L-appellant ma ressaq ebda aggravju fis-sens illi l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma ddecidiet l-eccezzjoni dwar dan id-dokument u ma jistax f'dan l-istadju izid mal-aggravji tieghu. Din il-Qorti tista' titratta **biss** dwar l-ammissibilita' tad-dokument msemmi mill-appellant, izda dan jolqot direttament il-mertu u huwa fil-fatt il-qofol tal-appell odjern u dan il-fatt wahdu ma jipprezenta ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisponi minn dan l-aggravju qabel l-ohrajn;

3. Ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel aggravju f'dan l-istadju u tirrizerva li tikkunsidra l-istess u tiddeciedi dwaru flimkien mal-aggravji l-ohra;

4. Din il-Qorti izda, thoss illi ghandha, anke *obiter* tirrimarka dwar il-mod kif id-deputat registratur tal-ewwel Qorti ghazlet illi tirregistra dak kollu li sehh fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2016 bil-mod segwenti:

> *Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Edward Zammit./ Issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu./ Inghatat is-Sentenza.*

Issa, mis-sentenza appellata gia huwa indikat illi l-ewwel Qorti semghet lill-partijiet u rat id-dokumenti kollha ezebiti u ghalhekk dan il-verbal, daqstant indispensabbli, gia juri li huwa zbaljat. Il-konsegwenza ta' dan hu li issa din il-Qorti ser ikollha tirrikorri ghal mezzi ohra sabiex tara verament x'gara f'dik l-udjenza aktar u aktar meta l-appellant qieghed jilmenta, kif intqal *supra*, illi huwa zamm lura milli jressaq il-provi ghaliex kien qed jistenna decizzjoni preliminari dwar l-eccezzjoni tieghu. Ir-Registratur tal-Qrati ghandu jiehu notament ta' dan sabiex jassikura illi l-hidma tal-gudikant fis-smiegh u decizjoni tal-kawzi ma tispiccax fix-xejn meta, bhal fil-kwistjoni odjerna, nuqqas ta' kjarezza, ossia verbal prattikament in bjank, joholqu tant u tant inkonvenjenzi ghall-kullhadd.